P. Pawl Tabone o.f.m.

# IL-BARRAKKA TA' KATRIN

*Meħud minn* "IL-MALTI"
*Marzu u Ġunju 1943*

MALTA
EMPIRE PRESS
1943

(Copyright)

*Din in-Novella nqrat*
*fil-Laqgħa Akkademika*
*lt x-Xirka għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti—Nadur*
*għamlet fis-27 ta' Ġunju 1943*
*fl-istess raħal.*

LORETA sa ma għalqet it-tmintax-il sena kienet għadha xbejba f'dar ommha, medhija fil-faċendi tad-dar u fil-ħsieb ta' ħuha xi sentejn ikbar minnha. Hi kienet minn qaddisha bieżla, nadifa, fuq ruħha u ħafifa. Għajnejha kbar u suwed, xagħarha maħlul u mġiegħed, snienha żgħar u bojod, bi tbissima ħelwa fuq xofftejha rqaq u qrolli, dħulija kemm tista' tkun, wiċċha jkellmek bla ma tkellimha, u hekk mirquma fl-imġiba tagħha li qatt ma kont tobsor li hija Għawdxija li kieku ma kenitx titkellem ftit imgħawweġ. Imma l-imsejkna, wara l-għarqa ta' missierha li ġrat fil-bidu nett tal-gwerra fil-waqt li kien ibaħħar fuq bastiment tat-tagħbija, kellha ta' bilfors tmidd għonqha għax-xogħol biex tgħin xi ftit 'l ommha; għalhekk, għodwa waħda għal-kemm b'inkejja tagħha nfisha, telqet lejn Malta u daħlet qaddejja ma' nies twajba Tas-Sliema.

Loreta kienet ilha ħafna ma tmur tara lil ommha, minn banda mħabba l-baħar qalil tax-xitwa u mill-oħra mħabba l-attakki ta' l-ajruplani tal-għadu li kienu ġejjin u sejrin jixħtu l-bombi qerrieda fuq il-gżira tagħna. Omm Loreta, mara twajba, li qatt ma kienet semgħet bi ħsarat hekk koroh ta' gwerra, imliet rasha daqs qartalla meta semgħet li kienu waqgħu xi bombi fl-inħawi ta' fejn kienet toqgħod bintha u għamlu ħsara kbira. Għalhekk bagħtet tgħidilha sabiex tasal wasla sa Għawdex u taraha għax kienet moħħa fiha.

Loreta, li qatt ma kisret qalb ommha, biex ma tħallix lil ommha fuq ix-xwiek, ma qagħdetx taħsibha wisq u telqet għal Għawdex, u kbir kien il-ferħ ta' l-omm meta għal għarrieda, f'jum sabiħ tar-rebbiegħa, waqt li x-xwejħa ta' omm kienet qiegħda traqqa' l-ħwejjeġ ħdejn il-għatba ta' barra, rat quddiemha lil bintha !

Loreta, f'pajjiżha, sabet ruħha f'dinja oħra bogħod mill-ħsejjes tal-gwerra. Ara kemm hu hekk, li meta l-ajruplani tal-għadu kienu jiġu jferrgħu bla ħniena u addoċċ il-bombi tagħhom fuq il-bini tal-gżira ta' Malta, minflok ma kienet tinżel beżgħana fix-xelter, kienet titla' fuq is-setaħ tħares, b'għafsa ta' qalb, lejn dik ix-xita ta' nirien, u tisma' mill-bogħod it-tfaqqigħ fl-ajru tal-balal tal-kanuni tagħna u tħoss it-theżhiż mitfi ta' l-art u t-tregħid mejjet tal-bibien u t-twieqi tal-għorfa tagħha. Ix-xemx ta' April ukoll, wara xitwa qalila u mudlama, dehritilha bħala xemx ġdida li tagħti l-ħajja u tlibbes il-ħolqien ta' madwarha u tferraħ lill-agħsafar li kienet tisma' jgħannu fuq il-friegħi tas-siġar tal-ħarrub u fuq il-lewża ta' biswit it-tieqa tagħha. U billi kienet tabilħaqq mixtieqa minn ommha, minn sħabha u ħbiebha ta' tfulitha li kienu jħobbuha mhux ftit, ħasset għaxqa ta' qalb, hena u faraġ hekk kbir li minnufih għamlitha f'rasha li tibqa' għal kollox f'dar ommha.

Iżda ma għaddiex żmien twil li l-ajruplani tal-għadu, bil-qilla tagħhom, ma bdewx resqin ġmielhom lejn il-gżira tagħha wkoll. Il-bombi li bdew jinxteħtu bħax-xita fuq l-Għadira tal-Mellieħa u fuq il-fortizzi tas-Salini u tal-Qammieħ bdew jinstemgħu neżlin ivenvnu u jsaffru sa mill-għorfa tagħha. Il-bibien u t-twieqi kienu donnhom iridu jinqalgħu miċ-ċaċċis bit-tregħid qawwi tagħhom, u l-ħitan tad-dar jinqalbu bit-theżhiż tal-balal. Tarġa' mhux l-ewwel darba li l-ajruplani tal-għadu immaxinganjaw lis-sajjieda waqt is-sajda f'baħar għoli, kif ukoll il-port u xi rħula ta' Għawdex. Xi bombi ġew ukoll fuq xi bini u kien hemm xi nies safgħu mejtin jew li ndarbu sewwa. Għalhekk issa Loreta bdiet titħasseb, tibża' u tisfar ukoll kull meta s-sirena tnewwaħ. Il-biża' ġie li tant għamel biha li dlonk kont taraha tmur titrekken taħt il-ħnejja tal-bitħa jew mal-ħajt tas-sejjieħ tal-għalqa meta kienet tisma' għaddej ivenven bħar-riħ xi ajruplan minn fuq rasha. Lanqas ma baqgħet torqod fis-sodda tal-għorfa tagħha, iżda mal-għabex m'ommha, kienet tixħet taħt abtejha mitraħ ċkejken tat-tiben u mħadda mgeżwrin fi gverta, u titlaq bihom lejn ix-xelter li kien hemm f'dawk l-inħawi ftit bogħod mid-

dar tagħhom. Imsejkna Loreta! Meta qatt kienet tobsor li f'dik id-daqsxejn ta' gżira wkoll għalkemm minsija minn kulħadd, bla suldati u bla kanuni, kellha ġġarrab il-biża' u t-twegħir tal-gwerra!

Għodwa waħda, wara lejl aktarx ħiemed, il-għadu sebaħ imgħaddab iktar minn qabel. Kmieni kmieni ma' tlugħ ix-xemx, l-ajruplani tal-għadu nstemgħu jvenvnu u jkarwtu fil-għoli, il fuq mis-sħab, waqt li bdew għaddejjin mewġa wara l-oħra, minn fuq Għawdex u jiġbdu 'l hinn għal fuq il-versall tagħhom. F'daqqa waħda, minn kull naħa ta' Malta mijiet ta' balal bdew jintefgħu mill-kanuni tagħna, ifaqqgħu fil-għoli u jħallu warajhom ċapep ta' duħħan abjad u iswed li mlew is-sema kollu. Minnufih sħab oħxon ta' trabijiet beda tiela' minn ħafna naħiet tal-gżira li kulma jmur, iktar jogħla, jiżdied u jinfirex. Wara ftit beda jinstama' ċar id-damdim tal-kanuni msieħeb mit-tfaqqigħ tal-bombi li bdew iriegħdu l-art u l-ġebel.

Għal dik id-dehra tal-biża' Loreta tbikkmet, wiċċha sfar, qabditha rogħda għax qalbha ħebritha li dak kellu jkun iktarx jum aħrax għall-gżira. Sejħet 'l ommha, u, flimkien magħha, niżlu t-taraġ bil-għaġla, ġibdu għall-bieb tal-mandra, u, mill-eqreb trieq, qabdu l-mogħdija li tibqa' sejra sserrep sa tarf il-wied u rħewlha lejn ix-xelter. Imma l-bint u l-omm kienu għadhom ma laħqux il-mogħdija meta semgħu u raw resqin lejhom fil-baxx żewġ ajruplani. Għall-ewwel Loreta bħal tħassbet jekk dawk kinux tagħna; imma kif waslu f'tarf il-mogħdija, semgħet iċ-ċaqċiq tal-maxingan tagħhom, tkexkxet, u flimkien m'ommha inxteħtet bħal kobba fl-art wara siġra tal-bajtar. Kien attakk fuq il-port ta' Għawdex. Kif siktu l-ħsejjes ta' l-ajru u waqgħet bħal ħemda, iż-żewġ nisa issuktaw triqthom bħal mitlufin minn sessihom. Iżda bilkemm kienu laħqu l-ewwel daħla fix-xelter meta semgħu għaddejjin ivenvnu b'qawwa kbira l-ajruplani ta' qabel. "Madonna ta' Loretu, eħlisni inti l-lum mill-mewt bħalma ħlistni drabijiet oħra..." temtmet Loreta. "Tibżax, binti," qabżet qaltilha minn ġewwa waħda mara twajba. "Idħlu 'l ġewwa; dan xelter tajjeb; fuqna kollu blat...", u, kif qalet l-aħħar kelma, il-maxingan beda jċaqċaq darb'oħra.

"Eh! Il-lum għall-vapur ġejja", qal wieħed raġel tal-baħar.

"Iva," qabeż qal ieħor imterter bil-bard u bil-biża', u ma jistriħux qabel ma jniżżluh f'qiegħ il-baħar".

L-ajruplani reġgħu għaddew ivenvnu jbattlu mill-ġdid il-balal tal-kanuni żgħar tagħhom fuq iż-żewġ bastimenti,

il-"Franco" u r-"Royal Lady" irmunkati mal-mol ta' Għawdex. Dan ta' l-aħħar kien iġorr in-nies bejn il-Marfa u Għawdex u kien jasa' mas-700 ruħ fil-wisa'. Kellu żewġ skrejjen u żewġ ċmiemen, għalkemm waħda kienet għat-tiżjin biss; miżbugħ lewn il-krema, u griż fil-ġnub tiegħu, b'faxxa kaħla tul iċ-ċinta kollha u bi tliet faxex irqaq bojod, ħomor u koħol fit-trufijiet taċ-ċmiemen. Nadif u ħafif kemm tridu; kien igħaxxaq port u mill-bogħod kont tisthajlu biċċa tal-gwerra. L-ieħor kien vapur tat-tagħbija, maħmuġ, tqil u qadim biżżejjed. Il-għadu ma ħamilhomx f'wiċċ il-baħar; ried igħarraqhom. Għalhekk ħebb għalihom u għamilhom għarbiel bil-balal tal-maxingan ta' l-ajruplani bla ma qatt iżda rnexxielu jolqothom fil-buq u jniżżilhom.

* * *

Kienet għaddiet iktar minn siegħa u s-sirena ta' l-idejn ħabbret li l-attakk mill-ajru kien għadda. Loreta ħadet nifs qawwi, iżżietħajr 'l Alla u, flimkien m'ommha, telqet lejn darha ħsiebha biss fis-sirena u fl-ajruplani. Dak in-nhar ix-xbejba bilkemm daqet u qalbha baqgħet ittaqtaq il-ħin kollu.

Kienet għadha kif daqqet in-nofs siegħa meta s-sirena reġgħet bdiet tnewwaħ. Loreta u ommha reġgħu ħarġu mid-dar u telqu mgħaġġlin ma' xi ġirien għal għonq it-trieq tax-xelter. Huma u jaqsmu l-għalqa għal ftit ma tfixklux maż-żraġen tad-dwieli li issa kienu bdew jarmu. Ma laħqux waslu x-xelter u fuq Malta bdew jidhru mill-ġdid id-dħaħen tal-baraġijiet qawwija mseħbin minn sħabijiet ta' duħħan, trab u għabra mqanqlin mill-bombi tal-għadu. Minnufih beda jinstama' t-tfaqqigħ qawwi bla hedu u l-art bdiet titheżheż. Iżda l-kanuni wara ftit siktu u fuq l-art waqgħet bħal ħemda. In-nies bdew jixirfu mill-bokka tax-xelter għax ħasbu li l-periklu kien għadda, iżda f'daqqa waħda nġibdu 'l ġewwa għax fil-bogħod instama' d-damdim ta' ajruplani oħra: fuq l-art ta' Malta kienet dieħla mewġa ta' ajruplani oħra tal-għadu. Wara din il-mewġa daħlet oħra tixħet ad-doċċ u bla ħniena xita ta' bombi. U fl-aħħar waqgħet sikta kbira, iżda s-sirena m'hemmx li tħabbar li l-periklu għadda. Loreta bħal ħadet ftit tan-nifs u ċċaqalqet biex tixref barra mix-xelter; iżda bilkemm kienet meddet riġilha x-xellugi barra mill-għatba, meta nġibdet 'l ġewwa mwerwra. Żewġ ajruplani tal-għadu għaddew ivenvnu bħal riefnu qalil, fil-baxx, minn fuq rasha. Minnufih tisma' żewġ tfaqqigħat żgħar, imbagħad oħra qawwija, u oħra qawwija li riegħdu

kullimkien u lebilbu d-dawl tax-xemgħa fix-xelter. "Imqaddsa Marija! Xinhu dan!?', għajtet b'rogħda waħda Loreta. "Dawn żewġ bombi li niżlu qribna!", qabżet qalet ħabiba tagħha.

—"Zgur ix-xatt", wieġeb Patri Kelment bħal mibluh bil-biża'.

"Mhux xi attakk fuq il-vapur, tgħid?", għajjat Dun Grezz minn ġol-gabuba tiegħu.

Il-ħoss ta' l-ajruplani ma nstamax iktar; waqgħet ħemda kbira u s-sirena ma damitx qatigħ ma daqqet. In-nies ħarġu mix-xelter u Loreta u ommha minflok li ġibdu lejn darhom, marru għal fuq iċ-ċint li jagħti għal baħar jitkixxfu x'kien ġara. Malli Loreta saret taf illi bombi mixħutin għall-vapur kienu ġew il-baħar u xi oħra kienet waqgħet fl-egħlieqi qrib id-dar tagħhom, iktar imliet rasha u ma reditx titbiegħed minn ħdejn ix-xelter għax stenniet li l-ajruplani tal-għadu jerġgħu jitħajru jiġu. U hekk ġara, għax ma għaddiex wisq żmien xħin is-sirena reġgħet bdiet tingħi. "Reġgħu ġejjin" għajtet imħerwla Loreta, u qabdet lil ommha minn driegħ wieħed u għenitha tħaffef il-pass biex ifittxu jaslu fix-xelter fejn in-nies kienet diġà waslet b'nifisha maqtugħ u mwerwra biex tfittex iddabbar rasha minn dak l-attakk li, milli kien jidher kien sa jkun eħrex minn dak ta' qablu.

L-attakk mill-ajru beda minn fuq Malta, iżda din id-darba, l-aktar li ħabat fuq il-furtizzi tas-Salini u tal-Qammieħ. It-twerdin ta' l-ajruplani beda jinstama' ċar sa minn qiegħ ix-xelter. Kulħadd beda jilbet u jitrekken. F'daqqa waħda tisfira ta' bomba u tfaqqiegħa li ttarrax werwret saħansitra l-aqwa rġiel qalbiena ta' fuq il-baħar li f'ħajjithom kemm-il darba raw il-mewt u ma beżgħux minnha. Wara ftit instemgħu jsaffru u jfaqqgħu żewġ bombi, waħda wara l-oħra li damdmu fuq il-blat ta' dak ix-xelter fil-waqt li r-riħ tagħhom tafa' mal-ħajt lil dawk li kienu bil-wieqfa u ħasad lil xi oħrajn li dehru jixxenglu 'l hawn u l' hinn.

Ftit qabel ma s-sirena ħabbret li l-periklu kien għadda daqsxejn ta' tifel daħal jiġri fix-xelter ifittex 'l ommu u jgħajjat: "Il-vapur iltaqat u l-barrakka ta' Katrin marret". Dawn il-kelmiet ta' l-aħħar Loreta ħassithom bħal sejf ġewwa qalbha. Li kieku l-bombi tal-għadu ġew fuqha, ma kinetx tħosshom daqs kemm ħasset dik il-bxara ta' ksir il-qalb. Il-barrakka ta' Katrin kienet ħaġa qaddisa għaliha; ktieb sħiħ u rumanz twil li hi biss kienet taf taqra fih u

tifhem. Hemmhekk iltaqgħet l-ewwel darba ma' Toni, iż-żagħżugħ li kienet tħobb u toħlom bih; hemmhekk ġarrbet l-ewwel xrara ta' mħabba safja, meta, bla ma riedet, għajnejha sbieħ iltaqgħu ma' tiegħu mimlijin ħajja u saħħa; hemmhekk ħasset l-ewwel fawra ta' demm tielgħa għal wiċċha li kixfitha u reġħxitha quddiem iż-żgħażagħ l-oħra. Hemmhekk ukoll dik ix-xrara ta' mħabba kompliet tħeġġeġ u tikber, meta Loreta fil-Ħdud tas-sajf għal fil-għaxija kienet tqatta' s-sigħat bil-qiegħda fuq iċ-ċint jew fuq xi ġebla titgħaxxaq tisma' l-leħen sħiħ u għoli ta' dak li kienet tħobb fil-waqt li kien igħanni fuq il-kitarra. Minn ħdejn dik il-barrakka ta' sikwit ma' tul il-ġimgħa hi kienet tgħarrex b'għajnejha lil Toni, fil-waqt li kien igħabbi u jħott minn fuq id-dgħajjes tal-latini qabel ma marret bħala qaddejja man-nies. U issa għalkemm kien għadda ż-żmien, Loreta kienet għadha tħoss tixgħel fiha dik ix-xrara ta' l-ewwel imħabba li, bħal siġra tal-ħarrub, meta tifrex għeruqha fid-dgħaben tal-blat, ħadd ma jkun jista' għaliha.

Imma Loreta ma reditx temmen għal kollox kliem it-tifel, riedet tara b'għajnejha, u, kif hija u ommha ħarġet mixxelter, dlonk ġibdet 'l isfel ma' ommha, beżgħana u mitlufa. Oh x'ġarrbet f'qalbha l-imsejkna meta sabet ruħha quddiem dik id-dehra li twaħħax! Dik il-Barrakka, waħdenija fil-gżira ta' Għawdex li kienet isservi ta' ħanut u dar f'daqqa, mibnija mal-ħamsin sena ilu fuq is-sies li minn taħt it-triq tax-xatt jagħti għal fuq il-baħar, u, dak li hu l-aqwa, mixtla ta' mħabba għal qalb Loreta, intlaqtet minn bomba tal-għadu li kissritha, qalbitha, ħarbtitha u ħarqitha. Quddiem dik il-ħerba, iż-żagħżugħa ta' qalbha ċkejkna, demmha kesħilha f'daqqa, riġlejha tħeddlu, qalbha nqasmet u d-dmugħ sħun beda jġelben minn għajnejha, u, wara li reġgħet ħarset b'għajnejha mberrqin lejn il-Barrakka mfarrka u lejn il-vapur li, minn dak il-ġmiel kollu, issa sar qafas imgħaddas ġo l-ilma, dawret minnufih wiċċha band'oħra u mxiet m'ommha lejn darha, bil-qajla l-qajla, bħal waħda mifluġa. Kif waslet id-dar inxteħtet bla saħħa fuq l-ewwel tarġa tat-taraġ u nfexxet f'bikja. Bdiet tbarri lil kulħadd u ħadd ma sata' jsabbarha. Id-dlam tal-lejl kompla jsewdilha qalbha u dak il-ħin stess xtaqet li tittlaq mid-dar u minn Għawdex u tmur xi mkien fil-bogħod fejn ma tarax iktar dik il-ħerba ta' qsim il-qalb u ta' niket. Kull kwarta li kien idoqq l-arloġġ tar-raħal kienet taraha mitt sena. Lanqas ix-xemx sabiħa ta' filgħodu u l-għana tal-agħsafar ma setgħu jfarrġuha. Xebgħet għal

kollox f'dar ommha li kienet tħobb u tgħożż daqs ħbub għajnejha. Riedet ta' bilfors titlaq...

Kienu xi l-għaxra ta' filgħodu meta, fil-waqt li Loreta ħarġet taqdi 'l ommha, iltaqgħet ma' ta' l-ittri li resaq lejha u, bi tbissima fuq xofftejh, taha ittra f'idejha. Loreta nħasdet u qalbha bdiet ittaqtaq. X'seta' nqala' mill-ġdid f'dik il-għodwa? Loreta qabdet l-ittra bir-rogħda u fetħitha bil-għaġla. Kienet is-sinjura tagħha li kitbithilha u gemgmet għax iddawret daqshekk għand ommha; qaltilha li t-tfal tagħha sikwit isemmuha u jistaqsu għaliha u riedet taf jekk biħsibhiex tibqa' hemm jew terġa' lura. "Ajma", qalet bejnha u bejn ruħha Loreta fil-waqt li ħadet nifs qawwi li donnu mlieha b'ħajja ġdida u b'tama qawwija, "is-sinjura għadha tridni. Nizzihajr 'l Alla... Immur... il-lejla stess nitlaq..." Imma dak in-nhar xejn ma kien igħaddi minn Għawdex għal Malta u kellha ta' bilfors tistenna sa l-għada. L-ikbar tfixkil għaliha kien kif sejra tħalli 'l ommha weħidha; iżda hi kienet semgħet li l-Gvern ta' Malta kellu jibgħat fil-gżira ta' Għawdex il-baqquniera Għawdxin sabiex iħaffru f'xeltrijiet ġodda u jtemmu dawk li kienu nbdew. Fost dawn il-baqquniera kien hemm Salvu, ħuha, li għalkemm mhux tas-sengħa, qabillu qatigħ jaħdem fix-xeltrijiet, għax kien jitħallas tajjeb. Għalhekk Loreta, bit-tama li ħuha Salvu f'qasir żmien ikun m'ommu, il-għada fil-għodu bakkret kmieni tavża lill-Pulizija jerfgħulha post fid-dgħajsa u, fl-istess ħin, uriet 'l ommha bil-ħsieb tagħha. L-imsejkna omm li kienet tħobb lil bintha daqs dawl għajnejha u li l-bżonn biss kien ġagħalha tħalliha titbiegħed minnha, għal dik il-bxara kerha nħasdet u tħawdet u ma għarfitx x'tibda twieġeb, iżda l-ħmura ta' għajnejha jdemmgħu fuq ħaddejha sfajrin kienet xhieda ċara tad-dwejjaq ta' qalbha. U dawk id-dwejjaq żdidulha u faru meta hija rat lil bintha tiġbor ħwejjiġha, tfarfarhom u tqegħedhom mitnijin fl-armarju jew fil-kexxun tal-gredenza u oħrajn f'sorra għalihom. L-omm ħabtet tinfexx f'bikja u xtaqet traġġa' lura lil bintha mill-ħsieb tagħha; iżda hi għamlet kemm felħet biex tirbaħ lilha nfisha, mesħet għajnejha niedja bid-dmugħ, ġabret xagħarha maħlul u mħabbel u baqgħet siekta.

Ix-xemx kienet qorbot biex tgħib u d-dawl mitfi tagħha kien għadu kemmxejn iħammar fuq il-ħitan tal-għorfa u fuq il-blat imġarraf tal-għolja ta' quddiemha. Loreta, wara li naqqxet bil-ponta tas-sikkina u saqqiet il-qsari tagħha ta' fuq iċ-ċint tas-setaħ, u, wara li bexxet għall-aħħar darba

ix-xitel tan-nagħniegħ u l-ħabaq fil-ħwat tal-bitħa, qabdet is-sorra tal-ħwejjeġ, xeħtitha taħt abtejha u resqet lejn ommha biex tagħtiha l-aħħar tislima. L-omm tbikkmet, riġlejha tħeddlu, iżda, wara li għannqet lil bintha u bisitha fuq ġbinha, ħarġet domna minn ħobbha, għamlithielha madwar għonqha b'tifkira u tatha l-barka tagħha.

Loreta, kif inħallet minn ħdan ommha, telqet ftit ħosbiena u magħdura b'xi demgħa fuq xfar għajnejha. Imma hi kienet taf u tħoss li kienet sejra għand omm oħra mhux anqas twajba u ħanina minn dik li ġibitha fid-dinja. Għalhekk minnufih stabret, qawwiet qalbha, ħadet nifs qawwi u kompliet miexja ħafifa treqitha. Iżda waqt li kienet għaddejja minn ħdejn il-barrakka mtajra, ħasset mill-ġdid lil demmha jiksħilha fil-vini tagħha u l-ġrieħi ta' qalbha jinfetħulha. Imma hi biex ma tħallix uġigħ il-qalb jagħlibha, għattiet wiċċha bis-sorra, kisret kemm kemm għajnejha, għamlet ħila lilha nfisha u kompliet nieżla lejn id-dgħajsa li kienet sorġuta mal-moll.

Malli d-dgħajsa bdiet taqla' minn ma' l-art u titbiegħed, Loreta, f'dawl il-kwiekeb li bil-mijiet kienu jiddu u jteptpu fuq rasha, lemħet l-egħżeż postijiet tat-torbija tagħha u minn quddiem għajnejha bdew għaddejjin bħal leħħa t-tifkiriet ta' l-imgħoddi. Go fiha ħasset li dawk it-tifkirijiet kienu ħolma u kif kienet bil-qiegħda fuq kaxxa fil-poppa tad-dgħajsa, xeħtet is-sorra tal-ħwejjeġ fuq ir-kobbtejha, għaddset rasha fuqha, waħħlet idejha ma' wiċċha bħal donnha trid torqod, talbet bil-ħerqa lill-Madonna ta' Lourdes twassalha bis-sliema, u bkiet fis-skiet ta' qalbha.

* * *

Ma' tlugħ ix-xemx Loreta kienet tas-Sliema għand is-sinjura tagħha. Għalkemm din ma kenitx tistenniha dik il-għodwa hekk kmieni, hi leqgħetha tajjeb u ferħet biha daqs waħda minn uliedha. Biċe ċ-ċkejkna, għalkemm kienet għadha kif telqet timxi, hekk kif rat lil Loreta telqet b'ġirja fi ħdanha tgħannaqha u tbusha. Minnufih Loreta nsiet id-dwejjaq kollha ta' qalbha, ħadet ir-ruħ u wiċċha beda jiddi u jixgħel bħal qabel. Bilkemm kienet għadha kif ħelset mill-faċendi ta' wara l-ikel li Loreta ma qabditx lil Biċe ċ-ċkejkna, qegħditha fil-"pram" u telqet biha lejn Għar-id-Dud għall arja miftuħa tal-baħar. Hemmhekk Loreta, ta' kuljum, tista' tgħid, l-aktar meta jkun temp sabiħ, kienet tmur tqatta' siegħa żmien ma' ħbiebha qad-

dejja bħalha. Kienet għadha ma qasmitx it-triq meta ħbiebha lemħuha u, mill-bogħod, bdew ixejrulha u jsejħulha. "X'hemm, Loret, kemm ilna ma narawk! Kif inti ?"—staqsietha Zolli malli Loreta resqet lejhom.

"Mela ġejt minn Għawdex?"—qabżet qaltilha Żeża ż-Żabbarija.

"Oqgħod hawn ħdejna fuq il-bank, Loret, u agħtina l-aħbarijiet tal-Għawdxin. Hemm xejn djar imwaqqgħa bħal dawn li qiegħda tara b'għajnejk?", staqsiet bil-għaġla Rożi l-Għawdxija fil-waqt li qabditha minn driegħha u ġibditha għal ħdejha.

"U ngħid jekk hemmx djar imġarrfa...", wieġbet minnufih Loreta. "Jiena għal ftit ma ddobbajthiex, għax meta dawk il-ħaljin ta' Ġermaniżi ħebbu għall-vapur, jien kont fit-triq fil-qrib sejra m'ommi lejn ix-xelter", kompliet tgħid b'nifisha maqtugħ Loreta. "Trid tara kif immaxingawh u għamluh għarbiel qabel ma-laqtuh sewwa u għarrquh!"

"U dan x'ikun *immaxingawh*? — Mela hekk tgħidu Għawdex, Loret?"—staqsiet bid-daħka mċarrta Żeża.

"Jien naf x'ikun?—Hekk smajthom igħidu r-raħal. U Ħaż-Zabbar kif tgħidu?"— qaltilha Loreta.

"U ħallik minn Żeża, Loret. Din ma tafx ħlief tiċċajta. Għadha belha bħal qabel... Għidilna ftit kif għamilt biex ġejt minn Għawdex, għax jien ukoll tħajjart immur jumejn nara 'l ommi"—staqsietha kollha ħrara seħbitha Rożi.

"Ara, Rożi, isma' minni", weġbitha Loreta "aħjar ma tmur xejn għalissa, għax trid tagħmel wegħda biex tmur u tiġi u fuq kollox tissogra ħajtek. Jien ġejt ilbieraħ fil-għaxija, fid-dlam, imwennsin biss mid-dawl tal-kwiekeb. Konna mas-sebgħin ruħ fuq id-dgħajsa. Kulħadd qalbu ttaqtaq, mhux imħabba l-baħar, għax kien daqshekk bnazzi u qiegħed li kien donnu mgħoddi biż-żejt u bil-fidda, imma mħabba l-attakki ta' l-ajruplani tal-għadu jew mħabba xi mini. Il-Patri, miskin, qalilna r-Rużarju u ma kienx hemm qaddis fis-sema li ma talbux jieqaf magħna. Ir-rekwem eterni li beda jgħid għal ħutna mejtin ma kinux ftit u baqa' sejjer bihom sa ma wasalna l-Marfa. Kienu l-għaxra ta' bil-lejl. Imma jien, ngħid għalija, l-iktar li għalejt għall-barrakka ta' Katrin. Kemm kienet għażiża għal qalbi..." temtmet minn taħt ilsien Loreta.

"U mbagħad kif ġejt il hawn dak il-ħin?—" staqsiet minnufih Zolli.

"Bil-karozza", wieġbet l-oħra. "Mat-triq qabadna raid; għalhekk jien inżilt il-Mellieħa u rqadt hemmhekk ġo xelter. Imberkin in-nies tal-Mellieħa!", kompliet Loreta, "kemm daru bija meta rawni barranija fosthom! Sa fuqhiex norqod ġibuli; daqsxejn te tawni wkoll. Nibqa' nafħulhom... Imbagħad waħda żagħżugħa qassdet ir-Rużarju, qalet talba sabiħa lil Ġesù Nazzarenu u kulħadd raqad sa ma sebaħ..."

Din it-taħdita damet sejra għal nofs siegħa jekk mhux għal iktar ukoll. F'daqqa waħda Loreta siktet għal kollox u bdiet tħares ċass, fil-bogħod biex tara jekk għajnejha kinux qegħdin iqarrqu biha jew le. Wara ftit wiċċha beda jiħmar u qalbha bdiet taqbeż ġo sidirha. Sħabha ntebħu bil-bidla tagħha u bdew iħarsu huma wkoll lejn fejn kienet tħares Loreta għax donnhom kienu xammew xi ħaġa millħmura ta' wiċċha u minn għajnejha li waqfu jħarsu ċassi. Għajnejhom waqgħu fuq suldat mibni saffejn, dirgħajh mibrumin u mxammra, b'beritta ravjula fuq xagħru iswed mimxut imġenneb, b'ħaddejh qamħet il-lewn ta' wild malti, miexi b'mixja ta' min ikun sejjer jaqdi dmiru u, f'ħin wieħed, ta' min hu mkabbar bi ġmielu u b'saħħtu. Dak is-suldat kien Toni li, kif wasal ħdejn dawk ix-xbejbiet bil-qiegħda li kienu għadhom iħarsu lejh miblugħa ugħaraf lil Loreta,|ried l-art tibilgħu, infixel u ma għarafx x'jibda jagħmel. Loreta wkoll sabet ruħha bejn in-nar u l-ilma. Għamlet minn kollox biex tegħleb lilha n-nifisha; iżda billi l-imħabba ma tistax tibqa' moħbija, hi sellmitlu bi ħlewwa u b'mistħija ta' tfajla Għawdxija li kienet. Toni wieġeb minnufih għat-tislima, waqaf u kieku ried jagħmlilha xi mistoqsija; iżda d-dehxa żammitlu lsienu u żżewġ żgħażagħ baqgħu għal ħin ċkejken iħarsu lejn xulxin b'wiċċhom imfawwar u xofftejhom jitriegħdu bla ma jlissnu kelma. Fl-aħħar Toni kiser il-ħemda u : "Mela inti hawn, Loret?"—qallha. "Iva hawn, Ton. Il-bieraħ ġejt minn Għawdex. Kulħadd tajjeb u jsellu għalik. U inti kif tinsab hawn?"—staqsiet kollha ħrara Loreta.

"Sa ftit tal-ġranet ilu jiena kont Bengħisa; issa ġibuni hawn f'din il-fortizza ta' Għar-Id-Dud. Il-ġimgħa d-dieħla iktarx nasal wasla sa Għawdex. Tridx tgħidilhom xi ħaġa lil tad-dar?"

"Sellili għalihom u għid lil ommi li jien wasalt qawwija u sħiħa".

Toni kien għadu ma jaf b'xejn b'dak li kien ġara Għawdex u lanqas Loreta ma riedet turih biex ma taqsamlux qalbu u biex ma ġġagħlux jaħseb ħażin. Toni kien ta'

bilħaqq imgħaġġel dik il-lejla, għax kellu biċċa xogħol iebsa x'jaqdi lill-fizzjal tiegħu. Għalhekk, wara li sellem lil Loreta u ħadilha b'idejha għall-ewwel darba, telaq bil-pass ħafif lejn ix-xatt ta' Tas-Sliema.

"X'għaxqa ta' żagħżugħ Għawdxi!", qalu għalenija ħbieb Loreta, "il-ħarsa ta' għajnejh biss u t-tbissima ħiemda ta' xofftejh huma biżżejjed biex jisirqulek qalbek." Loreta għal dak it-tifħir ta' sħabha, qalbha xegħlet iktar u baqgħet tħares lejn Toni sa ma ratux iktar.

Ma kienx għadda żmien qatigħ minn x'ħin Toni kien telaq, meta s-sirena bdiet tnewwaħ. L-ajruplani tal-għadu kienu jinstemgħu ġejjin mill-bogħod iwerdnu. Loreta qamet bil-għaġla, qiegħdet lil Biċe fil-"pram" u, wara li sellmet lil ħbiebha, telqet lejn id-dar tas-sinjura ħienja u ferħana għax kienet rat lil Toni u minflok il-Barrakka ta' Katrin issa għandha l-fortizza ta' Għar-id-Dud.